# Il-Ħadd 06.05.2018

1. Il-Ħadd 06/05: **Is-Sitt Ħadd tal-Għid**:-
   **Viżta Pastorali fil-Parroċċa tagħna tal-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta – JUM 2**
   - Fid-9:15am - Qrar mill-Arċisqof fil-knisja.
   - Fl-10:00am - Quddiesa ċċelebrata mill-Arċisqof fil-knisja
     *(Mistiedna speċjali huma t-Tfal, l-Adolexxenti, il-Ġenituri, u l-Katekisti)*
   - Fil-11:30am - Laqgħa tal-Arċisqof mal-Kunsill Lokali u Membri tas-Soċjeta' Ċivili
     san-12:30pm fis-Sala tal-Każin San Pawl.
   - Fil-5:30pm - Żjajjar lil 3 realtajiet familjari
   - Fis-7:30pm - Laqgħa tal-Arċisqof maż-Żgħażagħ
     sat-8:30pm fis-Sala Pietru Pawl Busuttil tal-Kunsill Lokali.

2. It-Tnejn 07/05: **Viżta Pastorali fil-Parroċċa tagħna tal-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta – JUM 3**
   - Fl-10:15am - Waqfa u ħin qasir ta' talb fil-Kappella tal-Adorazzjoni, il-knisja ta' S. Marija.
   - Fl-10:30am - Żjara tal-Arċisqof fl-Iskola Primarja ta' Ħal Safi.
   - Fil-12:15pm - Żjara tal-Arċisqof lis-Sorijiet Dumnikani fil-Kunvent
     u ħin ta' talb fil-kappella magħhom.

3. Matul din il-ġimgħa ser isir it-Tberik tal-Familji li joqgħodu:-
   - It-Tnejn 07/05: PM – Triq San Ġorġ
   - It-Tlieta 08/05: PM – Triq Tarsu, Triq Ta' Rqajja'
   - L-Erbgħa 09/05: PM – Triq Bieb il-Ġarra, Triq l-Ibraġ
   - *Il-Ħamis 10/05 ma jsirx Tberik biex jinfetaħ l-Uffiċċju Parrokkjali.*
   - Il-Ġimgħa 11/05: PM – Triq Tal-Ajżar, Triq San Ġwann.

4. It-Tnejn 07/05:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa għal kulħadd fil-kappella tal-Museum tas-Subien dwar San Ġorġ Preca.

5. It-Tlieta 08/05 - **Tifkira tal-Madonna ta' Pompej**:
   - Fil-11:15am ikun hawn Rużarju.
   - Fil-11:30am, Quddiesa li tagħlaq bis-Supplika lill-Madonna
     u tingħata il-Barka Sagramentali.

6. L-Erbgħa 09/05 - **Festa ta' San Ġorġ Preca**:
   - Fis-6:30pm - Quddiesa animata mill-membri tal-oqsma tal-MUSEUM fil-parroċċa tagħna.

7. Il-Ħamis 10/05:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru l-kappella tal-Madonna tal-Vitorja f'Ħal Qormi fejn ikollna Quddiesa, u wara ħin u Ikla f'lukanda f'Tas-Sliema. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

8. Il-Ġimgħa 11/05:
   - Mill-5:30pm sat-8:30pm - Adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat
     fil-kappella tal-Museum tas-Subien. Kulħadd mistieden.

9. Is-Sibt 12/05:
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm.
     Ser issir fil-knisja arċipretali ta' Marija Assunta, il-Gudja.

10. Il-Ħadd 13/05, **is-Seba' Ħadd tal-Għid – Lapsi** u *Jum il-Komunikazzjoni Soċjali*:
    ***– Jum l-Omm***:
    - Fis-6:00pm, Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(u mhux fil-knisja parrokkjali)*.

11. Matul din il-ġimgħa daħlu:
    - € 60 bħala donazzjoni b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr. Grazzi.